

Brussell, 18 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14050/23
ADD 1

JAI 1294
JUSTCIV 146
FREMP 282
RELEX 1170
COASI 173

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13870/23
Suġġett:	Il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali: Linji gwida li għandhom jittieġdu dwar l-adeżjoni ta' Singapore - Approvazzjoni - Dikjarazzjoni kungunta taċ-Ċekja u Franza

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni konġunta taċ-Ċekja u Franza li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni taċ-Ċekja u ta' Franza

Iċ-Ċekja u Franza jastjenu mill-vot fuq il-linji gwida li għandhom jittieħdu dwar l-adeżjoni ta' Singapore mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-Notifika").

Iċ-Ċekja u Franza għad għandhom dubji dwar jekk rakkomandazzjoni għal linji gwida li għandhom jittieħdu mill-Coreper u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-adeżjoni ta' Singapore mal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-Notifika kif stipulat fid-dokument ST 14050/23 hijiex meħtieġa u korretta.

Huwa indikat b'mod espliċitu li l-Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-Notifika taqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE, skont l-Artikolu 3(2) TFUE, sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jistgħu jaffettwaw jew jibdlu l-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli komuni tal-UE dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

Madankollu, peress li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-notifika ma japplikawx fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri iżda biss meta jkun involut Stat terz, il-possibbiltà li jiġu affettwati jew modifikati r-regoli komuni tal-UE hija dubjuża.

Iċ-Ċekja u Franza ma jqisux din ir-rakkomandazzjoni bħala preċedent għal kwalunkwe adeżjoni oħra mal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-Notifika u miżuri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom l-għan li jirregolaw suġġetti komparabbli, fejn il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea jista' jkollha rwol iżda ma kienx hemm qbil dwarha mill-Istati Membri.